Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,279, 17 ta' Mejju, 1996
Taqsima B

A.L. 92 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)
Regolamenti ta' l-1996 tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Engineering (Honours) – B. Eng. (Hons.)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Engineering (Honours) – B. Eng. (Hons.).*

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Bachelor of Engineering (Honours) – B. Eng. (Hons.)*;

"il-Kors" ifisser il-Kors għall-Grad.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1994 jew wara.

Eliġibbilità għall-Grad

3. Biex ikun jista' jingħata l-Grad, kandidat għandu:

(a) ikun reġistrat bħala student regolari fil-Kors skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa l-ħtiġijiet l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) ikun issodisfa l-ħtiġijiet l-oħra kollha preskritti fi statuti u f'regolamenti oħra kollha rilevanti ta' l-Università.

Reġistrazzjoni u rekwiżiti speċjali tal-Kors

4. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, biex ikun jista' jirreġistra bħala student regolari fil-Kors kandidat għandu, barra milli jissodisfa r-rekwiżiti ġenerali għad-dħul skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università,

(a) għall-korsijiet mibdija fl-1994, 1995 u 1996 ikun fil-pussess ta' żewġ *passes* fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-grad C jew aħjar fil-

(i) Matematika u
(ii) Fiżika;

(b) għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara jkun kiseb *pass* bi *credit* jew *Distinction* fil-*Pure Mathematics* u fil-Fiżika meħud fil-Livell Avvanzat bħala parti mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

(2) Kandidat li hu ggradwat ta' Università jew li għandu kwalifiki oħra meqjusin suffiċjenti jista' jiġi eżentat mill-Bord tad-Dħul ta' l-Università, bil-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, mir-rekwiżiti speċjali tal-Kors kollha jew parti minnhom.

L-istruttura tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jkun mifrux fuq żmien ta' erba' snin ta' studju *full-time* u għandu jinqasam f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) Kandidat ma jistax itemm il-Kors aktar kmieni minn erba' snin jew aktar tard minn ħames snin mill-ewwel reġistrazzjoni, ħlief f'ċirkostanzi speċjali bl-approvazzjoni tas-Senat, fuq il-parir tal-Bord.

(3) Kull sena tal-Kors għandu jkollha żewġ semestri ta' studju, u, ħlief fl-aħħar sena, għandha tiġi segwita minn perijodu ta' mhux anqas minn tmien ġimgħat ta' taħriġ industrijali kif approvat mill-Bord.

(4) Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom għandhom jiġu mogħtija mhux anqas minn 120 kredtu fil-:

(a) Prinċipji Fundamentali ta' Inġinerija Mekkanika u Elettrika;

(b) *Core and elective areas* fil-fergħat Mekkaniċi u Elettriċi ta' l-Inġinerija;

(ċ) Proġett ta' l-inġinerija li għalih għandhom jiġu mogħtija mhux anqas minn 6 kredti; u

(d) *optional units* li għalihom għandhom jiġu mogħtija mhux aktar minn

8 kredti magħżulin minn taqsimiet studju offruti mill-Bord jew minn taqsimiet offruti minn istituzzjonijiet oħra ta' l-Università.

(5) Il-Bord għandu jlesti katalgu ta' taqsimiet studju għal kull sena tal-Kors. Il-katalgu għandu jindika l-kredti mogħtija għal kull taqsima studju u liema taqsimiet huma obbligatorji. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull sena akkademika tal-Kors.

(6) Il-Bord jista' jeżenta kandidat mill-ħtieġa li jottjeni kredtu jekk hu jkun ottjena mill-Università, jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dak il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha hu, fl-opinjoni tal-Bord, ekwivalenti fil-kontenut u livell għal dak meħtieġ għall-kredtu rilevanti.

L-Ewwel Parti.

6. (1) L-Ewwel Parti għandha tinfirex fuq l-ewwel sena tal-Kors u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju fil-Prinċipji Fundamentali ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika u tmien ġimgħat ta' taħriġ industrijali.

(2) Biex itemm l-Ewwel Parti u jkun jista' jirreġistra għat-Tieni Parti tal-Kors, kandidat għandu jikseb minimu ta' 28 kredtu nklużi l-kredti għat-taqsimiet studju ndikati mill-Bord bħala obbligatorji.

(3) Fil-bidu tat-tieni semestru l-kandidati għandhom ikunu meħtieġa li jagħżlu l-programm ta' studju minnhom magħżul biex isegwuh fit-Tieni Parti tal-Kors.

It-Tieni Parti

7. (1) It-Tieni Parti għandha tinfirex fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' sena tal-Kors.

(2) Fit-Tieni Parti tal-Kors il-kandidati għandhom ikunu meħtieġa li jagħżlu li jsegwu l-programm ta' studju għal waħda minn dawn:

(a) *Electrical Engineering Stream*
(b) *Mechanical Engineering Stream.*

(3) Il-programm ta' studju għall-*Mechanical Engineering Stream* għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) Inġinerija tal-Manifattura
(b) Inġinerija Mekkanika
(ċ) Metallurġija u Inġinerija tal-Materjali.

(4) Fl-aħħar tat-tieni sena tal-Kors il-kandidati tal-*Mechanical Engineering Stream* għandhom ikunu meħtieġa li jagħżlu qasam ewlieni ta' studju li għandu jiġi segwit fl-aħħar sentejn tal-Kors mill-oqsma ta' studju msemmija fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament.

(5) Il-programm ta' studju għall-*Electrical Engineering Stream* għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) Inġinerija tal-Kommunikazzjonijiet u tal-*Computers*
(b) *Electrical Power and Control Engineering*
(ċ) Inġinerija Mikroelektronika.

(6) Matul ir-raba' sena tal-Kors il-kandidati kollha għandhom ikunu meħtieġa li jagħmlu proġett ta' l-inġinerija approvat mill-Kap tad-Dipartiment li fih qed isir il-proġett u jissottomettu l-proġett u rapport bil-miktub fuqu lill-Bord ta' l-Eżaminaturi mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju.

Il-valutazzjoni u l-progress

8. (1) Il-kredti għandhom jiġu mogħtija skond il-gradi li ġejjin li jibdew bl-ogħla mertu u jaslu sa l-inqas: A, B, C, D u F, fejn F tindika li kandidat ikun weħel. Il-gradi jqisu x-xogħol tal-kandidat fix-xogħol tal-kors, testijiet bil-miktub u eżamijiet kif jiġi meqjus xieraq mill-Bord.

(2) Kandidat li ma jiksibx kredtu f'taqsima studju għandu jiġi mħolli jagħmel riparatorju darba biss. Fir-rivalutazzjoni l-grad mogħti ma jistax ikun għola mill-grad D. Il-kandidati ma għandhomx jitħallew jagħmlu riparatorju f'aktar minn erba' taqsimiet studju f'xi waħda mis-snin tal-Kors.

(3) Testijiet bil-miktub għandhom ikunu miżmuma fl-aħħar ta' kull semestru, barra wara t-tieni semestru ta' l-Ewwel Parti u matul l-ewwel u r-raba' sena tal-Kors.

(4) Testijiet riparatorji bil-miktub għandhom jiġu miżmuma f'Settembru biss.

(5) Taqsimiet studju obbligatorji segwiti matul it-tieni semestru ta' l-ewwel sena u matul ir-raba' sena għandhom jiġu valutati fl-eżamijiet li jsiru fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti u matul l-aħħar sena tat-Tieni Parti tal-Kors.

(6) Kandidat ma jkunx jista' jgħaddi għas-sena ta' wara tal-Kors jekk ma jirnexxilux jikseb il-kredti meħtieġa għat-taqsimiet indikati bħala obligatorji mill-Bord.

(7) Kandidat li ma jirnexxilux jissodisfa l-ħtiġijiet biex ikompli għas-sena ta' wara tal-Kors għandu jiġi mħolli jirrepeti l-programm ta' studju tas-sena li jkun weħel fiha iżda l-ebda kandidat ma jkun jista' jirrepeti sena aktar minn darba matul il-Kors kollu, ħlief f'ċirkostanzi straordinarji bl-approvazzjoni tas-Senat.

(8) Il-kandidati li jitħallew jirrepetu sena jistgħu, fid-diskrezzjoni tal-Bord, jiġu eżentati milli jkunu rivalutati fit-taqsimiet studju li għalihom ikunu kisbu kredtu matul is-sena li fiha jkunu weħlu.

(9) Kandidati li jitħallew jirrepetu xi sena jistgħu jiksbu biss il-grad D għal kull taqsima studju li jkunu weħlu fiha f'dik is-sena.

Eżamijiet

9. (1) L-eżamijiet għandhom isiru fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti u matul l-aħħar sena tat-Tieni Parti.

(2) L-eżami ta' l-Ewwel Parti għandu jikkonsisti f'mhux aktar minn sitt karti bil-miktub u għandu jsir fl-aħħar tat-tieni semestru ta' l-ewwel sena tal-Kors.

(3) L-eżami tat-Tieni Parti għandu jikkonsisti f'mhux aktar minn għaxar karti bil-miktub u l-Proġett. L-eżamijiet bil-miktub għandhom isiru fl-aħħar ta' l-ewwel u tat-tieni semestru ta' l-aħħar sena.

(4) Biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-eżami tat-Tieni Parti kandidat għandu jgħaddi f'kull komponent ta' l-eżami.

(5) Kandidat li jeħel f'erba' jew aktar mill-karti ta' l-eżami tat-Tieni Parti jkun jista' jirrepeti s-sena, sakemm dan ikun permess skond il-paragrafu (7) tar-regolament 8.

(6) Kandidat li ma jirnexxilux jissodisfa l-eżaminaturi fil-Proġett jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottomettih mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk jgħaddi, l-ogħla grad li jista' jingħatalu huwa l-grad D. Jekk jeħel, il-kandidat għandu jkun jista' jirrepeti s-sena sakemm dan ikun permess skond il-paragrafu (7) tar-regolament 8.

(7) Kandidat li jeħel f'mhux aktar minn tliet karti ta' l-eżami tat-Tieni Parti għandu jiġi re-eżaminat permezz ta' eżami *viva voce*. Kandidat li ma jirnexxilux jissodisfa l-eżaminaturi fl-eżami *viva voce* ikollu jirrepeti s-sena, sakemm dan ikun permess skond il-paragrafu (7) tar-regolament 8.

Riżultati u għoti tal-Grad

10. (1) Il-Grad għandu jiġi mogħti lill-kandidati li:

(a) kisbu mhux anqas minn 118-il kredtu matul il-Kors,

(b) irnexxielhom itemmu b'suċċess it-taqsimiet kollha ta' studju ndikati bħala obbligatorji mill-Bord, u

(ċ) issodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-eżamijiet.

(2) Il-Grad għandu jiġi mogħti f'waħda minn dawn il-klassijiet:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri.

(3) Għandu jkun hemm Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad magħmul mid-Dekan tal-Fakultà bħala *Chairman* u l-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Fakultà u l-eżaminaturi esterni, fejn imiss.

(4) Il-Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu jivvaluta x-xogħol tal-kandidati matul l-erba' snin tal-Kors, wara li jikkonsidra l-kredti miksuba matul il-Kors u l-ħidma tagħhom fl-eżamijiet biex ikun jista' jikklassifika l-kandidati li jgħaddu għall-Grad skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

(5) Ix-xogħol tal-kandidati fil-Kors għandu jiġi mogħti l-piż skond kif ġej:

L-Ewwel Parti	10%
Il-kredti miksuba matul it-tieni u t-tielet sena	50%
L-Eżami tat-Tieni Parti	40%

(6) F'ċirkostanzi eċċezzjonali grad ta' *Pass* fil-Grad ta' *Bachelor of Engineering – B.Eng.* – għandu jingħata lill-kandidat li, fl-opinjoni tal-Bord ta' Klassifikazzjoni tal-Grad, issodisfa l-ħtiġijiet f'kull sena tal-Kors, iżda ma kisibx il-livell xieraq biex jikkwalifika għall-Grad bl-Unuri.

(7) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-Grad għandhom jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'lista maqsuma f'kategoriji kklassifikati kif elenkati fil-paragrafi (2) u (6) ta' dan ir-regolament.